

Brussell, 11 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5080/22

ECOFIN 12  
UEM 6  
SOC 6  
EMPL 5  
COMPET 2  
ENV 4  
EDUC 3  
RECH 5  
ENER 3  
JAI 9  
GENDER 2  
ANTIDISCRIM 2

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Permanent Representatives Committee (part 2)/Council
Nru. dok. preċ.:	14146/21 + ADD 1
Nru dok. Cion:	COM(2021) 742 final
Suġġett:	Abbozz ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

---

Id-delegazzjonijiet ser isibu mehmuża l-verżjoni ta' wara l-KEF u l-EWG tal-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro li għandha tiġi approvata mill-Ecofin fit-18 ta' Jannar 2022. L-adozzjoni formali tat-test jgħandha ssir wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2022.

## **Abbozz ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

### **dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>2</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

- (1) Wara reċessjoni profonda ħafna fl-2020, l-ekonomija taż-żona tal-euro qed tesperjenza rkupru solidu u rapidu. It-tkabbir tal-PDG fit-tieni kwart tal-2021 qabeż l-aspettattivi u, skont it-tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2021<sup>3</sup>, il-PDG taż-żona tal-euro huwa mistenni li jikber b'5.0 % fl-2021. L-ekonomija taż-żona tal-euro mistennija terġa' tikseb il-livell tal-PDG tagħha ta' qabel il-kriżi fl-aħħar kwart tal-2021. Sat-tieni kwart tal-2021, seba' pajjiżi taż-żona tal-euro kienu diġà kisbu mill-ġdid il-livelli tal-PDG tagħhom ta' qabel il-kriżi. Il-PDG annwali taż-żona tal-euro huwa mbassar li jikber b'4.3 % fl-2022 iżda l-irkupru huwa mistenni li jkun irregolari bejn il-pajjiżi u s-setturi. Id-domanda domestika hija l-ixprun ewlieni tat-tkabbir tal-PDG, marbuta mat-tħaffif tar-restrizzjonijiet wara l-introduzzjoni tal-vaċċinazzjoni, titjib gradwali fis-swieq tax-xogħol, il-ġbid ta' tfaddil żejjed akkumulat matul il-perijodi ta' lockdown, u tkabbir qawwi fl-investment li jibbenefika minn kondizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u l-appoġġ minn NextGenerationEU. Skont kif rakkomandat, l-Istati Membri taż-żona tal-euro ħadu azzjoni, individwalment u kollettivament fil-Grupp tal-Euro biex jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19. Għall-ġejjieni, il-livell ta' inċertezza għadu għoli, b'riskji sostanzjali inkluż dawk relatati mal-evoluzzjoni tal-pandemija, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, li jistħoqqlu monitoraġġ mill-qrib.
- (2) Matul is-sena, it-tkabbir qawwi fid-domanda domestika ssodisfa l-limitazzjonijiet fuq in-naħa tal-provvista, inkluż l-iskarsezza tal-input u t-tfixkil tal-loġistika. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet saru ta' tħassib dejjem akbar f'xi setturi u Stati Membri. Wara diversi snin ta' rati baxxi ħafna, l-inflazzjoni fiż-żona tal-euro żdiedet mill-bidu tal-2021, b'mod partikolari minħabba effetti bażi, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-konġestjonijiet fil-provvista, li jissuġġerixxi fenomenu tranżitorju, marbut mal-proċess ta' aġġustament ta' wara l-lockdown. L-inflazzjoni laħqet l-4.9 % fiż-żona tal-euro f'Novembru 2021. Skont it-tbassir tal-ħarifa, hija prevista li tonqos għal 2.2 % fl-2022 u għal 1.4 % fl-2023.

---

<sup>3</sup> Ir-referenzi kollha għat-tbassir jirreferu għat-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2021 tas-Servizzi tal-Kummissjoni sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

(3) Fl-2021, l-istrateġija Ewropea ta' rkupru ffokat fuq id-dħul fis-seħħ ta' NextGenerationEU, u tal-akbar strument tagħha, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)<sup>4</sup>. Sa nofs Novembru 2021, il-Kunsill kien adotta l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ta' 22 Stat Membru, inkluż it-18-il pajjiż taż-żona tal-euro, wara valutazzjonijiet pożittivi mill-Kummissjoni. Matul is-snin li ġejjin, l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investimenti bl-RRF ser ikollha impatt pożittiv profond fuq il-funzjonament tal-ekonomiji taż-żona tal-euro. L-implimentazzjoni effettiva tal-Faċilità ser trawwem żieda fil-konverġenza ekonomika u soċjali fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, minħabba l-kriterji użati biex jiġu allokat i r-riżorsi tagħha. L-RRF saħħet ukoll il-fiduċja u tikkontribwixxi għall-appoġġ tat-tkabbir u l-istabbiltà makrofinanzjarja, u b'hekk tibbilanċja t-taħlita ta' politiki u tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Lil hinn mill-appoġġ għall-irkupru, l-RRF għandu l-għan li jittrasforma strutturalment l-ekonomiji tal-Istati Membri b'mod partikolari biex jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-implimentazzjoni ta' investimenti u riformi koerenti bl-RRF, flimkien mal-użu tal-fondi tal-politika ta' Koeżjoni, għandha l-għan li żżid ir-reżiljenza taż-żona tal-euro għal xokkijiet futuri u li żżid il-produzzjoni potenzjali b'mod durabbli, tappoġġa l-impjiegi u tindirizza l-isfidi soċjali. Barra minn hekk, il-ħruġ ta' dejn iddenominat f'euro mill-Unjoni għall-finanzjament tal-RRF ser iżid il-profondità u l-likwidità għas-swieq kapitali tal-Ewropa u jikkontribwixxi biex l-euro jissaħħaħ bħala munita internazzjonali. Il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi taħt NextGenerationEU ser ikompli jgħin fil-promozzjoni ta' investimenti sostenibbli.

---

<sup>4</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

- (4) L-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ser tagħti lok għall-iżborż tal-finanzjament mill-RRF u tikkontribwixxi b' mod effettiv għall-kisba tal-prijoritajiet tal-politika taż-żona tal-euro, inklużi r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>5</sup>. Dan ser jikkonċerna, fost l-oħrajn, it-tisħiħ tal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, l-appoġġ ta' investiment pubbliku ta' kwalità għolja, miżuri ta' politika b'appoġġ għall-koeżjoni soċjali u għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta. Dan għandu jgħin biex jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inklużiv, jiġi sostnut il-potenzjal tat-tkabbir u tissaħħaħ ir-reżiljenza. Dan huwa konformi mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva, jiġifieri s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika<sup>6</sup>.
- (5) Politiki ekonomiċi li jappoġġaw b' mod xieraq u li jsaħħu lil xulxin żguraw stabbilizzazzjoni makroekonomika effettiva, u rażżnu l-impatt fuq l-eżiti tas-suq tax-xoġhol, u b'hekk itaffu r-riskji ta' riperkussjonijiet u jappoġġaw irkupru ekonomiku rapidu. Taħlita tajba ta' politiki monetarji u fiskali flimkien ma' riformi strutturali u politiki finanzjarji ser tibqa' essenzjali għall-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro, f'konformità sħiħa mar-rwoli rispettivi tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet skont it-Trattat.

---

<sup>5</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, ĠU C 283, 15.7.2021, p. 1.

<sup>6</sup> Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, COM(2021) 740

- (6) Il-miżuri tal-politika monetarja tal-BĊE għandhom l-għan li jiżguraw il-funzjonament bla xkiel ta' segmenti differenti tas-suq finanzjarju u jżommu l-kanali ta' trażmissjoni monetarja intatti, u fl-aħħar mill-aħħar jissalvagwardjaw l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu medju. F'Lulju 2021, il-BĊE ppubblika l-istrateġija politika monetarja l-ġdida tiegħu. L-istrateġija l-ġdida tadotta mira simetrika ta' inflazzjoni ta' 2 % fuq terminu medju. Il-Kunsill Governattiv ikkonferma wkoll li s-sett ta' rati tal-imgħax tal-BĊE jibqa' l-istrument primarju tal-politika monetarja tiegħu. F'Ottubru 2021, il-BĊE nieda fażi ta' investigazzjoni ta' sentejn dwar l-euro diġitali. Il-ħolqien ta' euro diġitali jkun jeħtieġ intervent mill-leġislatura tal-Unjoni u l-Kummissjoni bishiebha tagħmel proposta abbażi tal-Artikolu 133 TFUE. Skont ma jkun id-disinn tagħha, munita diġitali tal-bank ċentrali bħal din tista', fost l-oħrajn, toffri provvista ta' flus pubbliċi f'forma diġitali, tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea u tteġġeg b'mod attiv l-innovazzjoni fil-pagamenti bl-imnut<sup>7</sup>. Barra minn hekk, dan jikkontribwixxi għat-tiżiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa.
- (7) Fid-19 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni Ewropea nediet mill-ġdid id-dibattitu dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika biex tibni kunsens wiesa' dwar kif jista' jittejjeb il-qafas, jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi u jiġu indirizzati l-isfidi fiskali b' mod li jiffavorixxi t-tranżizzjoni u t-tkabbir, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19.

---

<sup>7</sup> Ara r-“Rapport dwar l-euro diġitali” tal-BĊE ta' Ottubru 2020, li jinsab fuq [https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/other/Report\\_on\\_a\\_digital\\_euro~4d7268b458.en.pdf](https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/other/Report_on_a_digital_euro~4d7268b458.en.pdf).

(8) Id-defiċit tal-gvern estiż fiż-żona tal-euro kollha kemm hi huwa pproġettat li jilħaq 7.1 % tal-PDG fl-2021 iżda li jonqos għal 3.9 % fl-2022. Il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro, skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, hija pproġettata li tibqa' ta' appoġġ fl-2021 u l-2022 (1¾ % u 1 % tal-PDG, rispettivament). Fl-2022, l-investment pubbliku, kemm iffinanzjat fil-livell nazzjonali kif ukoll mill-UE, ser jikkontribwixxi għall-pożizzjoni ta' appoġġ. Minn Novembru 2021, it-18-il pjan nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza taż-żona tal-euro approvati mill-Kunsill sa issa ser jipprovdu appoġġ finanzjarju fuq skala kbira lill-Istati Membri taż-żona tal-euro sal-ammont ta' EUR 262 biljun f'għotjiet u EUR 139 biljun f'self fil-perijodu sal-2026. Il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali, b'rispett sħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, hija kruċjali għar-rispons effettiv għax-xokk tal-COVID-19, irkupru sostenibbli, u l-funzjonament korrett tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Filwaqt li l-klawżola liberatorja ġenerali ser tibqa' attiva fl-2022, hija mistennija li tiġi diżattivata mill-2023. Hekk kif qed jissoda l-irkupru ekonomiku, il-politika fiskali qed iddur minn waħda ta' miżuri temporanji ta' emerġenza lejn miżuri mmirati ta' appoġġ għall-irkupru. Iż-żieda fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern (minn 85.5 % tal-PDG fl-2019 għal 100 % tal-PDG fl-2021) irriflettiet l-effetti kkombinati tat-tnaqqis fil-produzzjoni u r-reazzjoni politika meħtieġa għax-xokk kbir ħafna tal-COVID-19. Madankollu, billi l-proporzjonijiet tad-dejn kienu diġà għoljin f'xi Stati Membri taż-żona tal-euro qabel ix-xokk, objettiv ta' politika f'parti kbira taż-żona tal-euro ser ikun tnaqqis gradwali, kontinwu u li jiffavorixxi t-tkabbir tad-dejn.

- (9) F'dan il-kuntest, it-titjib tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-investment, il-kwalità tal-miżuri baġitarji u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu medju u twil, inkluż fid-dawl tat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jidhru partikolarment rilevanti. L-ibbaġitjar ekoloġiku, ir-rieżamijiet tal-infiq, skemi ta' ġestjoni tal-investment pubbliku li jiffunzjonaw tajjeb u oqfsa effettivi tal-akkwist pubbliku, jistgħu jtejbju t-trasparenza u l-effettività tal-finanzi pubbliċi u joħlqu spazju fiskali għal investimenti pubbliċi addizzjonali. Fil-perijodu ta' wara l-kriżi tal-COVID-19, l-importanza fundamentali tar-riformi għal politika tad-dħul aktar effiċjenti u aktar ġusta kompliet tiżdied. Għad hemm lok biex is-sistemi tat-taxxa fiż-żona tal-euro jsiru aktar favur it-tkabbir u l-ambjent, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati d-distorsjonijiet u jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol, li għadu għoli, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Il-miżuri li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa jistgħu jagħmlu s-sistemi tat-taxxa aktar effiċjenti u ġusti, filwaqt li jappoġġaw l-irkupru u jżidu d-dħul. Il-globalizzazzjoni ħolqot il-ħtieġa li l-qafas tat-tassazzjoni jiġi aġġustat biex ikun adattat għal ekonomija dejjem aktar diġitalizzata. Intlaħaq ftehim dwar ir-riforma tat-tassazzjoni globali biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u biex tiġi limitata l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS).

- (10) Ir-rispons ta' politika rapidu u b'saħħtu fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż permezz ta' NextGenerationEU, kien effettiv fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti. Bis-saħħa ta' din l-azzjoni koordinata, id-diverġenzi twessgħu inqas milli kien mistenni fil-bidu, u ġew mitigati l-effetti ta' ripetizzjoni fit-tul. L-appoġġ ta' politika, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħra għaż-żamma tal-impjiegi, għen biex in-negozji jinżammu f'attività matul il-kriżi u l-limita ż-żieda fir-rata tal-qgħad u t-tnaqqis fid-dħul disponibbli. Għalkemm qed jiżdedu, ir-rati ta' insolvenza baqgħu mrażżna fl-2021 minkejja t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ. Is-swieq tax-xogħol qed juru wkoll titjib gradwali, bir-rata tal-impjiegi lura fil-livell ta' 72.1 % fit-tieni kwart tal-2021, meta mqabbel mal-ogħla livell ta' qabel il-COVID ta' 72.9 % fir-raba' kwart tal-2019. L-adozzjoni aċċellerata tat-teknoloġija diġitali matul il-kriżi jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-produttività jekk tiġi sostnuta maż-żmien. Madankollu, il-kriżi tal-COVID-19 kellha implikazzjonijiet territorjali, settorjali u distributtivi sostanzjali, li ser jirrikjedu riallokazzjonijiet kemm fil-pajjiżi u s-setturi kif ukoll bejniethom, bi spejjeż sostanzjali ta' tranżizzjoni għall-ħaddiema u l-kumpaniji.

(11) Għalkemm iż-żieda fil-fallimenti baqgħet limitata sa issa, il-pandemija ħalliet ħafna ditti b'karti tal-bilanċ aktar dgħajfa, u dan jista' jkun ta' limitu fil-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw proġetti ta' investiment fil-futur qrib u jikkompromettu l-kapaċità tagħhom ta' ħlas lura. Hekk kif l-irkupru jibda jseħħ, l-appoġġ għandu jitneħħa gradwalment u jsir aktar immirat. L-użu inqas tal-istrumenti tad-dejn jillimita l-obbligazzjonijiet kontinġenti u jgħin biex tiġi ppreservata l-kapaċità ta' investiment tan-negozji. L-irtirar f'waqtu tal-miżuri ta' appoġġ ta' politika huwa att ta' bbilanċjar bejn l-appoġġ għall-investiment u l-impjegi, u l-evitar ta' fallimenti ta' negozji vijabbli minn naħa waħda, mingħajr ma jiġi mfixxkel il-ħruġ ordnat ta' dawk mhux vijabbli fuq perijodu medju ta' żmien, min-naħa l-oħra. F'dan il-kuntest, it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-kumpaniji, it-tiŝiħ tal-karti tal-bilanċ tal-kumpaniji u t-titjib tal-kapaċità u l-effiċjenza tal-oqfsa ta' insolvenza huma kruċjali. Ir-reġimi nazzjonali tal-insolvenza jvarjaw sostanzjalment madwar iż-żona tal-euro, u ser ikunu meħtieġa azzjonijiet li jtejbu l-kapaċità biex jiġu ffaċilitati kemm l-amministrazzjoni effettiva kif ukoll is-sistema ġudizzjarja. It-titjib tal-oqfsa tal-insolvenza jista' jikkontribwixxi wkoll għal karti tal-bilanċ aktar sodi fis-settur bankarju, b'impatt pożittiv fuq il-provvista tal-kreditu. Id-Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza<sup>8</sup>, li tfittex li tintroduċi standards minimi madwar l-Istati Membri dwar ir-ristrutturar preventiv u l-ħelsien mid-dejn għall-impreduturi, ser ikollha tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali sas-17 ta' Lulju 2022. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE hija kruċjali biex il-kumpaniji jiġu pprovvduti b'sorsi alternattivi ta' finanzjament biex jikkomplementaw is-self mill-banek. Il-progress fl-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)<sup>9</sup> jista' jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji taż-żona tal-euro, jimmobilizza investimenti fit-tul f'teknoloġiji u infrastruttura ekoloġiċi u ġodda, jippromwovi l-investiment tal-ekwità u jneħħi l-ostakli transfruntiera għall-investiment, inkluż billi jarmonizza ċerti aspetti tal-liġi sostantiva dwar il-proċedimenti ta' insolvenza.

---

<sup>8</sup> Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Id-Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza), ĠU L 172, 26.6.2019, p.18.

<sup>9</sup> Matul is-Summit taż-Żona tal-Euro tal-25 ta' Ġunju 2021, il-mexxejja tal-UE ssottolinjaw l-appoġġ politiku tagħhom għall-unjoni tas-swieq kapitali (CMU) u appellaw għall-implimentazzjoni rapida tal-pjan ta' azzjoni tas-CMU.

(12) Filwaqt li l-impjiegi qed jirkupraw malajr, xi setturi, kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema u reġjuni huma mistennija li jintlaqtu b'mod durabbli mill-kriżi u mill-ispinta qawwija biex l-ekonomija ssir aktar ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni tiġi aċċellerata. Iż-żgħażaġh ġew affettwati b'mod partikolari, kif ukoll il-persuni b'livell baxx ta' hili u persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. L-impjiegi l-ġodda li qed jinħolqu jistgħu jkunu differenti mill-impjiegi li ntilfu minħabba l-kriżi. Xi gruppi, inkluż in-nisa, għadhom jesperjenzaw sfidi strutturali fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jistgħu jdedmu l-irkupru tal-impjiegi f'ċerti setturi. Il-miżuri ta' politika li jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol għalhekk ser ikunu kruċjali biex jappoġġaw l-aġġustament u jimmitigaw l-impatti soċjali b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja. Il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE)<sup>10</sup>, li tistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw pakketti ta' politika koerenti li jikkombinaw miżuri mmirati biex inaqqsu n-nuqqas ta' hili u jgħinu lill-individwi biex jinnavigaw b'suċċess it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn il-pakketti jkunu jikkonsistu minn tliet komponenti: (i) inċentivi ta' ingaġġ u tranżizzjoni limitati fiż-żmien u mfassla tajjeb u appoġġ għall-intraprenditorija; (ii) titjib fil-hili u taħriġ mill-ġdid marbuta mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; kif ukoll (iii) appoġġ imtejjeb mis-servizzi ta' impjeg. Sadanittant, fl-interess tal-koeżjoni taż-żona tal-euro, il-protezzjoni soċjali tibqa' fundamentali wara l-kriżi tas-saħħa u dik ekonomika u bil-ħsieb li jiġu żgurati tranżizzjonijiet doppji ġusti. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>11</sup> jibqa' l-boxxla għall-impjiegi, il-hili u l-azzjoni tal-politika soċjali li trawwem konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-Istati Membri. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, adottat f'Marzu 2021, jistabbilixxi tliet miri ewlenin tal-UE dwar (i) l-impjiegi, (ii) it-tagħlim għall-adulti, u (iii) it-tnaqqis tal-faqar sal-2030<sup>12</sup>, li għalihom ser jikkontribwixxu l-azzjonijiet ta' politika rakkomandati hawn taħt. Dawn il-miri ntlagħu mill-mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 u fil-Kunsill Ewropew tal-24 – u l-25 ta' Ġunju 2021.

<sup>10</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE), ĠU L 80, 8.03.2021, p. 1.

<sup>11</sup> Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p.10.

<sup>12</sup> L-UE impenjat ruħha għall-miri ewlenin tal-UE li ġejjin sal-2030: mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li tkun f'impjeg; mill-inqas 60 % tal-persuni ta' bejn il-25 u l-64 sena jenħtieġ li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim kull sena; u l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jenħtieġ li jonqos b'mill-inqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019.

- (13) L-Istati Membri fasslu pjanijiet ambizzjużi ta' riforma u investment, bl-appoġġ finanzjarju u ta' politika tal-RRF, li l-implimentazzjoni tagħhom hija kruċjali. It-titjib fil-kwalità tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari bit-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva, ser tkun kruċjali biex jiġi żgurat assorbiment rapidu tal-fondi relatati filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-interferenza ma' strumenti oħra tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jtejbu l-kondizzjonijiet qafas għall-investment privat billi jtejbu l-ambjent tan-negozju. Il-preservazzjoni u t-tiżiħ tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista fis-Suq Uniku, billi jiġu identifikati u indirizzati n-nuqqasijiet u l-konġestjonijiet tal-provvista, flimkien mas-swieq miftuħa, il-konverġenza fl-istandards, diversifikazzjoni akbar, iċ-ċirkolarità u l-effiċjenza fir-riżorsi, ser ikunu kruċjali biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, tat-13 ta' Lulju 2021, li tappella għal aktar integrazzjoni tas-suq uniku tal-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-suq uniku diġitali, billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet bla bżonn, tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq u tiġi garantita kapaċità amministrattiva suffiċjenti, għadha rilevanti.
- (14) Is-settur bankarju wera r-reżiljenza ġenerali tiegħu meta ffaċċja stress ekonomiku qawwi, bis-saħħa tar-riformi preċedenti. L-appoġġ politiku estensiv matul il-kriżi u l-irkupru solidu rreġistrat fl-2021 sa issa naqqsu t-tħassib dwar karti tal-bilanċ korporattivi aktar dgħajfa. Madankollu, il-banek taż-żona tal-euro jistgħu jesperjenzaw xi deterjorament fil-kwalità tal-assi. Il-monitoraġġ f'waqtu tar-riskji, l-involvement proattiv mad-debituri u l-ġestjoni attiva ta' self improduttiv, flimkien ma' profitabbiltà msaħħa u qafas regolatorju robust, huma importanti biex tinżamm l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja l-irkupru ekonomiku.

(15) Id-daqs ekonomiku u l-integrazzjoni taż-żona tal-euro, kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti biex jirrispondu għall-kriżi, kienu fatturi ta' stabbilizzazzjoni globali matul il-kriżi tal-COVID-19. Minħabba l-interkonnnettività tal-ekonomiji, fis-snin li ġejjin l-Istati Membri taż-żona tal-euro ser ikollhom bżonn iwettqu l-investimenti u r-riformi maqbula biex joħroġu aktar b'saħħithom mill-kriżi, filwaqt li jkomplu japprofondixxu l-UEM biex iżidu r-reżiljenza tagħha għal xokkijiet futuri u tkun aktar b'saħħitha fix-xena internazzjonali. L-iżviluppi f'ekonomiji tas-suq avvanzati u emerġenti għandhom riperkussjonijiet diretti fuq iż-żona tal-euro permezz ta' għadd ta' kanali, inkluż fir-rigward tal-politika tas-saħħa u t-tilqim, it-trajettorji tal-politika monetarja, il-flussi finanzjarji, il-ktajjen tal-valur globali u l-kummerċ. Il-limitazzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista globali li qamu wara l-irkupru kompli jixhdu l-interkonnnettività ekonomika globali li qed tikber. Sadanittant, is-surplus fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro kompli t-tnaqqis gradwali tiegħu u fl-2020 laħaq livell qrib dak issuġġerit mill-prinċipji fundamentali. Madankollu, huwa mbassar li jżdied minn 2.6 % għal 3.4 % bejn l-2020 u l-2023. It-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro, li baqa' ġeneralment stabbli f'dawn l-aħħar snin, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' euro diġitali, jista' jsaħħaħ l-awtonomija ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro u tal-Unjoni, u jtejjeb l-istabbiltà finanzjarja globali.

(16) L-approfondiment tal-UEM jibqa' essenzjali. L-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali huma proġetti li jsaħħu lil xulxin biex jippromwovu t-tkabbir, jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u jappoġġaw Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina. Il-mili tal-lakuni li fadal ikompli jżid l-istabbiltà u r-reżiljenza taż-żona tal-euro, jgħin lill-ekonomiji taż-żona tal-euro jirnexxu, u jsaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. It-tlestija tal-Unjoni Bankarja, flimkien mar-ratifika f' waqtha tal-Ftehimiet Emendatorji għat-Trattat dwar il-MES u l-IGA dwar il-Fond Uniku ta' Risoluzzjoni, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali jibqgħu essenzjali. Dan ser jappoġġa wkoll it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, li jeħtieġu investimenti importanti. Is-Summit taż-Żona tal-Euro tal-25 ta' Ġunju 2021 tenna l-impenn għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u stieden lill-Grupp tal-Euro (f' format inklużiv) biex jaqbel, mingħajr dewmien u fuq bażi kunsenswali, fuq pjan ta' ħidma gradwali u marbut biż-żmien dwar l-elementi pendenti kollha. Huwa appella wkoll għall-implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU f' konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2020. Għadha rilevanti r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, tat-13 ta' Lulju 2021, li tappella għat-tlestija tal-UEM u t-tiżiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, individwalment, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, u kollettivament fil-Grupp tal-Euro fil-perijodu 2022 –2023 biex:

1. Ikomplu jużaw u jikkoordinaw il-politiki fiskali nazzjonali fl-Istati Membri kollha biex jirfdu b'mod effettiv irkupru sostenibbli u inklużiv. Iżommu pożizzjoni fiskali moderatament ta' appoġġ fl-2022 madwar iż-żona tal-euro, b'kont meħud tal-baġits nazzjonali u l-finanzjament ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Gradwalment jidderieġu l-miżuri fiskali lejn investimenti li jippromwovu rkupru sostenibbli u inklużiv, konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'attenzjoni partikolari għall-kwalità tal-miżuri baġitarji. Minħabba l-livell ta' inċertezza, iżommu l-politika fiskali aġli sabiex tkun tista' tirreaġixxi għall-evoluzzjoni tal-pandemija. Jiddifferenzjaw il-politiki fiskali filwaqt li jqisu s-saħħa tal-irkupru, jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali u jtejbu l-investimenti, filwaqt li ma jinsewx il-hteġa li jitnaqqsu d-diverġenzi.
2. Jippromwovu politiki li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-evalwazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa biex jiżguraw sistemi tat-taxxa ġusti u effiċjenti. Jaħdmu biex jillimitaw il-kompetizzjoni fiskali dannuża inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjoni globali bbażata fuq il-kunsens biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni tal-ekonomija. Ibaxxu l-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol u jippromwovu bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol lejn taxxi li jgħolqu inqas distorsjoni. Jagħmlu tranżizzjoni minn miżuri ta' emerġenza lejn miżuri ta' rkupru fis-swieq tax-xogħol billi jiġu żgurati politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi: (i) l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi, b'mod partikolari lejn l-ekonomija ekoloġika u diġitali, (ii) l-ikkombinar ta' miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' hili, it-tisħiħ tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, l-għoti ta' inċentivi mmirati għar-reklutaġġ u (iii) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jindirizzaw l-ispariġġ fis-suq tax-xogħol. Isaħħu s-sistemi ta' edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi u ta' kwalità. Jippromwovu l-integrazzjoni taż-żgħażaġh, in-nisa u l-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jiżviluppaw u jadattaw fejn meħtieġ is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsaħħu l-aċċess sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19 u dawk relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, isaħħu d-djalogu soċjali u jippromwovu n-negozjar kollettiv. Jiżguraw il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fis-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali li jżidu r-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jikkonverġu lejhom.

3. Iżommu għajnejhom fuq l-effettività tal-pakketti ta' appoġġ ta' politika għall-kumpaniji, jiffokaw fuq appoġġ aktar immirat għas-solvenza ta' ditti vijabbli li jkunu spiċċaw taħt pressjoni matul il-pandemija, u jagħmlu użu akbar minn strumenti tat-tip ta' ekwità. Jieħdu azzjonijiet biex tizzied il-kapaċità tal-oqfsa tal-insolvenza biex jittrattaw b'mod effettiv u f'waqtu l-falliment u r-ristrutturar tad-dejn, tiġi mmassimizzata l-preservazzjoni tal-valur u tinġieb 'l quddiem l-allokkazzjoni effiċjenti ta' investment ta' kapital fl-ekonomija reali u investimenti transfruntiera. Jagħmlu progress rapidu fl-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li dwarha l-Kummissjoni għamlet proposti leġiżlattivi b'enfasi fuq l-appoġġ tal-finanzjament tal-ekonomija, it-tiŝih tal-opportunitajiet ta' investment għad-ditti u l-individwi u t-tneħħija ta' ostakli transfruntiera mhux ġustifikati għall-investimenti fis-suq uniku.
4. Ikomplu jsaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali u jagħmlu riformi biex jindirizzaw l-ostakli għall-investment u r-riallokkazzjoni tal-kapital, u biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u f'waqtu tal-fondi tal-Unjoni. Inaqqsu l-piż amministrattiv għall-kumpaniji u jtejbu l-ambjent tan-negozju. Isaħħu l-effettività u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Itejbu l-ġestjoni finanzjarja pubblika, inkluż permezz ta' bbaġitjar ekoloġiku u billi jtejbu l-effettività tal-oqfsa ta' ġestjoni tal-investment pubbliku, u jagħmlu użu minn analiżijiet tal-infiq biex tittejjeb il-kompożizzjoni u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari l-kwalità tal-investimenti pubbliċi u l-investment fin-nies u l-ħiliet, u biex in-nefqa pubblika tiġi ffukata aħjar fuq il-ħtiġijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza.
5. Jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja, u jżommu l-kanali ta' kreditu għall-ekonomija, filwaqt li jkomplu jindirizzaw is-self improduttiv permezz, fost l-oħrajn, tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-assi, l-impenn f'waqtu u proattiv ma' debitori f'diffikultà (b'mod partikolari dawk vijabbli) u l-iżvilupp ulterjuri ta' swieq sekondarji għal self improduttiv. Ikomplu bil-ħidma fuq it-tlestija tal-Unjoni Bankarja, permezz ta' pjan ta' ħidma gradwali u marbut biż-żmien fuq l-elementi pendenti kollha meħtieġa u bl-istess livell ta' ambizzjoni, u fuq it-tiŝih tar-rwol internazzjonali tal-euro. Ikomplu jappoġġjaw ħidma esploratorja dwar l-introduzzjoni possibbli ta' euro diġitali.

Aktar progress fl-approfondiment tal-UEM għandhom iqisu t-tagħlimiet meħuda mir-rispons komprensiv tal-politika ekonomika tal-Unjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Il-progress fl-approfondiment tal-UEM għandu jiġi insegwit b'rispett sħiħ għas-suq intern tal-Unjoni u b'mod miftuħ u trasparenti għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---